# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 248 – It-Tlieta 11 ta' Ġunju, 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6.00p.m. Ippresieda S-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Is-sinj. Mariette Borg
Is-sur Mario Cachia
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 247 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 FINANZI

### 2.1 Pagamenti
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

# 3 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**3.1 Inżul ta' ilma fi Triq Dr Nikola Zammit**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien iltaqa' fis-sit mal-Perit David Vassallo. Dan minnaħa tiegħu qal li kien hemm żewġ alternattivi: waħda hi li jsir *culvert* li jrid jibqa' nieżel man-niżla ta' Triq l-Imdina. Din toħloq problema fejn se jmur l-ilma. It-tieni alternattiva l-aktar prattika hi li tinqala' t-triq kollha minn Triq Ħal Niklusi salmonument ta' Dr Nikola Zammit biex tkun tista' titbaxxa. Hu stmat li din tiġi tiswa madwar €17,000 barra l-ispejjeż l-oħra ta' bdil ta' servizzi fosthom tal-bankini tażżewġ naħat.

Is-Sindku qal li din il-materja għandha tiġi ikkunsidrata aktar 'il quddiem.

**3.2 *Sports Day***

Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill li minħabba diversi fatturi din l-attività ġiet trasferita għall-Ġimgħa 20 ta' Lulju.

**3.3 Rural Development Programme Measure 313 – Proġett Tal-Għolja**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien mitlub mill-Majjistral Action Group biex jinfetaħ kont bankarju li jkun jista' jintuża biss għal dan l-iskop.

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din it-talba. Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.4 PA/01129/09 Construction of tower to accommodate traffic control radar**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien kiteb lill-Mepa biex jerġa' joġġezzjona; huwa ippreżenta l-pjanti mehmuża mal-applikazzjoni. Kien għad m'hemmx tweġiba dwar il-laqgħa mal-Brig. Carmel Vassallo, iċ-Chief Executive Officer tal-Malta Air Traffic Services Ltd.,

**3.5 Kostruzzjoni ta' Rziezet f'San Niklaw**

Is-Sindku qal li kif ġie ikkomunikat lill-kunsilliera u lill-pubbliku in ġenerali, il-laqgħa maqbula fis-seduta preċedenti se ssir it-Tlieta 11 ta' Ġunju. Huwa qal li kien se jressaq dawn il-preokuppazzjonijiet:

(i) L-irwejjaħ;
(ii) Kif l-iżvilupp se jidher mill-bogħod;
(iii) Kif se jkun affettwat it-traffiku;

Hu ippropopna wkoll li għandna nibdew naħsbu biex issir talba għad-devoluzzjoni talparti fejn kien hemm l-airstrip tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-pożizzjoni.

**3.6 Kaxxa Safra fi Triq Dun Anton Vella**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kien daħal l-ebda komunikat bil-miktub imma verbalment kien hemm min qal li hemm diversi garaxxijiet li ma jintużawx u għalhekk jekk isiru kaxxi sofor jonqos il-parkeġġ.

Is-Sindku qal li billi hemm parkeġġ biżżejjed fil-madwar, ippropona li dawn għandhom isiru. Il-Kunsillier Nikol Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.7 Laqgħa għall-għaqdiet, każini u negozji dwar il-festa ta' San Nikola**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-laqgħa saret u fost ħwejjeġ oħra ġie issuġġerit li fil-jiem tal-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, bejn is-7:00pm u l-11:00pm jitpoġġa pulizija jew warden ħdejn il-monument ta' Karmenu Vassallo. Dan biex fi Triq Santa Margerita isir aċċess biss mir-residenti u b'hekk tiġi evitatat konġestjoni ħdejn l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes.

Is-Sindku ippropona li għandna nilqgħu din it-talba. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.8 Triq Dun Manwel Zammit**

Is-Sindku qal li għandha ssir it-tiswija neċessarja bil-kundizzjoni li x-xogħlijiet isiru fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jikkordina din il-materja bejn il-kuntrattur u l-Perit.

**3.9 Kuntratti li se jiskadu**

B'riferenza għal minuta 5.1 tas-seduta preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv ippreċieża li l-kuntratt Bulky Refuse Collection jiskadi fis-26/10/13 u mhux fis-26/10/13 u għalhekk ma kienx hem mil-ħtieġa li toħroġ is-sejħa tiegħu.

# 4 MOZZJONIJIET

**4.1 Mozzjoni dwar iċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ressaq mozzjoni li taqra:

"Billi fiż-żona ta' Wied il-Luq fil-lokalità tas-Siġġiewi jinsab ċimiterju antik magħruf bħala iċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija u dan kif jinsab indikat bil-kulur aħmar fil-pjanta li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni;

"U billi ċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija għandu valur storiku u jeħtieġ li jiġi rrestawrat;

"U billi għal numru konsiderevoli ta' snin iċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija tħalla fi stat ta' abbandun u kien biss il-Kunsill Lokali Siġġiewi li diversi drabi ħa ħsieb li jitnaddaf kif inhu xieraq;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi jemmen li ċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija għandu jkun amministrat minnu bħala Kunsill Lokali u dan bil-għan li jkunu aċċessibbli mill-ġdid għall-pubbliku;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi lest li jagħmel l-investiment meħtieġ sabiex iċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija jiġi rrestawrat u mibdul fi spazju miftuħ għat-tgawdija tal-pubbliku.

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn, 11 ta' Ġunju 2012,

"Jirriżolvi li jitlob lill-Gvern sabiex iċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija li jinsab fil-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi u kif jinsab indikat bil-kulur aħmar fil-pjanta li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni, jiġi devolut lill-Kunsill Lokali Siġġiewi bil-għan li jiġi rrestawrat u mibdul fi spazju miftuħ għat-tgawdija tal-pubbliku.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha minnufih tintbagħat lill-Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur Dott. Jason Azzopardi, lid-Direttur għall-Gvern Lokali s-Sur Carmelo Abela, kif ukoll titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali Siġġiewi."

Din il-mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi-Sindku Ryan Callus.

Wara diskussjoni dwar din il-materja, il-Kunsill irriżolva favor b'mod unanimu.

## 4.2 Mozzjoni dwar il-Bajja ta' Għar Lapsi

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ressaq is-segwenti mozzjoni issekondata mill-Kunsillier Jesmond Tanti:

"Qiegħed nerġa' nressaq mozzjoni oħra fuq il-Bajja ta' Għar Lapsi, peress li minkejja diversi mozzjonijiet li ressaqt kollox baqa' kif kien. Reġa' wasal sajf ieħor u s-sitwazzjoni baqgħet kif kienet. U dan kine il-mottiv li erġajt qed inresaq din il-mozzjoni għaliex ma nistgħux inkomplu nħallu is-Siġġiwin u nies minn irħula oħra u anki turist jinżlu fil-Bajja ta' Għar Lapsi u ta' Miżun u jsibu dak l-isfreġju kollu. Għalhekk li f'mozzjonijiet oħra tlabt biex niktbu lill-Ministru konċernat biex forsi jsir xi ħaġa imma kontra qalbi ngħid li xorta ma sar xejn.

"Għalhekk f'din il-mozzjoni qed nitlob biex il-Kunsill unaniment jaqbel biex nagħmlu konferenza stampa fejn infissru li jeħtieġ isir xi ħaġa urġenti qabel l-affarijiet ikomplu jaggravaw."

Is-Sindku ippropona li jressaq l-emenda segwenti għal din il-mozzjoni u li kienet sekondata mill-Viċi-Sindku:

*"Ħassar il-kliem li jinsab fl-ewwel u fit-tieni paragrafi tal-mozzjoni kif ippreżentata mill-Kunsillier Nicholas Cassar bid-data tat-23 ta' Mejju 2012 u ssostitwixxi bil-kliem:*

"Billi matul ix-xhur li għaddew fil-bajja ta' Għar Lapsi żviluppa tmermir estensiv fil-blat li wassal biex partijiet mill-bajja saru inaċċessibbli minħabba l-periklu li jeżisti;

"U billi l-bajja ta' Għar Lapsi hija attrazzjoni ewlenija fil-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi mhux biss għar-residenti tas-Siġġiewi iżda wkoll għat-turisti li jagħżlu li jżuru pajjiżna;

"U billi l-Kunsill Lokali Siġġiewi huwa konxju mill-ħtieġa li l-bajja ta' Għar Lapsi tiġi mħarsa filwaqt li tittieħed l-azzjoni meħtieġa sabiex tkun mingħajr periklu għal dawk kollha li jżuruha;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum 11 ta' Ġunju 2012,

"Jirriżolvi li jaħtar Kumitat dwar il-ħarsien tal-bajja ta' Għar Lapsi li jkun magħmul minn tliet membri.

"Jirriżolvi li s-Sindku Dr Karol Aquilina għandu jkun iċ-*Chairman* tal-Kumitat filwaqt li ż-żewġ membri l-oħra tal-Kumitat għandhom ikunu l-Viċi Sindku Ryan Callus u l-Kunsillier Nicholas Cassar;

"Jirriżolvi li l-Kumitat dwar il-ħarsien tal-bajja ta' Għar Lapsi għandu:

1. Iwettaq kwalunkwe ħidma meħtieġa sabiex fl-iqsar żmien possibbli jiġi stabbilit u konkluż bl-għajnuna tal-esperti, x'azzjoni tista' tittieħed sabiex il-bajja ta' Għar Lapsi tkun imħarsa filwaqt li jitneħħa kwalunkwe periklu eżistenti.

2. Ikompli u jikkonkludi d-diskussjonijiet mal-Gvern Ċentrali bil-għan li tinkiseb l-għajnuna u l-azzjoni meħtieġa sabiex tiġi mħarsa l-bajja ta' Għar Lapsi.

3. Isegwi mill-qrib u jagħmel rappreżentazzjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa rigward kwalunkwe applikazzjoni għall-iżvilupp li ġiet jew li tiġi ppreżentata lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

4. Jagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni oħra li jidhirlu xierqa sabiex il-bajja ta' Għar Lapsi tkun imħarsa.

5. Iżomm kuntatt u jinforma b'mod regolari lil dawk kollha li għandhom interess partikolari fil-bajja ta' Għar Lapsi li jinkludu b'mod partikolari, iżda mhux biss, lis-sajjieda, sidien ta' opri tal-baħar, sidien tan-negozji, għaddasa, sidien u persuni oħra li jagħmlu użu mill-*boathouses* u persuni oħra li regolarment iżuru l-bajja ta' Għar Lapsi.

6. Iżomm lir-residenti tas-Siġġiewi u lill-mezzi tax-xandir infurmati bil-ħidma li tkun qed titwettaq mill-Kumitat.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat b'mod immedjat lill-Prim Ministru Dott. Lawrence Gonzi, lill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali l-Onor. George Pullicino, lill-Ministru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura l-Onor. Dott. Mario de Marco, liċ-*Chairman* tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, kif ukoll titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill."

Wara diskussjoni dwar il-mozzjoni u l-emenda tagħha, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li japprova l-mozzjoni hekk kif emendata.

# 5 ĦWEJJEĠ OĦRA

**5.1 Trejqa li tagħti għas-Salib tal-Għolja**

Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill kien sema' bl-ilment li ilu jagħmel is-sur Nikola Farrugia, propjetarju ta' għalqa li tiġi taħt din it-trejqa, u billi skont kif ikkonferma s-Segretarju wara li żar is-sit mal-Perit Graziella Galea ta' Transport Malta jidher li hemm il-periklu li ċċedi parti mit-triq, talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikkomunika mal-Perit David Vassallo biex isir rapport tal-ħsarat u stima tagħhom.

**5.2 Rivista tal-Kunsill**

Is-Sindku ippropona li għal ħabta ta' nofs Lulju tiġi pubblikata rivista tal-Kunsill li fiha jiġu ikkomunikati l-ħidma u l-attivitajiet imwettqa s'issa mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dr. Mark A. Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.3 Wirja Agrarja**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li xtaq juri l-apprezzament tiegħu lill-Kunsillier Mario Cachia tal-organizzazzjoni tal-Wirja Agrarja. Huwa kompla jgħid li seta' jara titjib fil-wirja agrarja ta' din is-sena, kemm fil-kwalità kif ukoll fl-attendenza.

Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsilliera kollha xtaq jirringrazzja lill-Kunsillier Cachia u lit-tim tiegħu kif ukoll l-istaff tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom matul din il-attività.

**5.4 Ħmieġ fi Triq tan-Nofs u Triq Dun Anton Vella**

Is-Sindku qal li għandha tinbagħat ittra lir-residenti ta' dawn it-toroq li tfakkarhom dwar il-ħtieġa li ma joħorġux l-iskart tagħhom qabel il-ħin stipulat u fid-dmir ta' dawk li joħorġu bil-klieb li jiġbru l-ħmieġ warajhom

**5.5 Attività Kulturali**

Is-Sindku qal li wara l-kompetizzjoni tal-inbid matul il-Wirja Agrarja intlaqgħet tajjeb, ippropona li ssir attività oħra marbuta mal-inbid matul is-sajf. Din tista' ssir ħdejn il-Knisja ta' Ħal Xluq.

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.6 Crash barrier Triq il-Mitħna/Triq Wied Ħesri**

Il-Viċi-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li ssir *crash barrier* fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq il-Wied u Triq Dr Nikola Zammit. Is-Sindku qal li din it-talba għandha tiġi ikkomunikata lil Transport Malta.

**5.7 Ċentru għal matul il-Jum**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal l-amministrazzjoni taċ-Ċentru għal matul il-Jum tablet biex fil-bini tal-Kunsill ikun installat *water cooler* għall-prezz ta' €188 u li ssir attività rikreattiva fil-ġimgħa tal-festa għall-anzjani għal spiża ta' madwar €200. Is-Sindku ippropona li dawn it-talbiet għanhom jintlaqgħu.

Il-Kunsillier Dr Mrk A. Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**GĦELUQ TAS-SEDUTA**

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8:30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 2 ta' Lulju. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 2 ta' Lulju2012**

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **10/5/12 sa 11/6/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nomina | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | wasteserv | €4,502.80 | €2,977.16 | d | pp | msw waste april12 | | 22640 | | | 3040 | |
| 2 | msd | €228.00 | €228.00 | t | pf | traffic signs job9297 | 09/05/12 | 9297 | | | 2313 | |
| 3 | 3d | €118.00 | €118.00 | d | pf | distribution wirja agrarja flyer | 14/05/12 | 3294 | | | 3378 | |
| 4 | csd | €77.88 | €77.88 | d | pf | envelopes | 18/05/12 | 39491 | | po43/12 | 2620 | |
| 5 | klikk | €65.00 | €65.00 | d | pf | ups tecnoware serial 141106302830 | 18/05/12 | 6500 | | po77/12 | 2620 | |
| 6 | c.camilleri | €82.44 | €82.44 | | pf | clerikal work saturdays may12 | 01/06/12 | | | | 3065 | |
| 7 | kazin banda san nikola | €300.00 | €300.00 | d | pf | serviz z banda mixghela | 04/04/12 | 478 | | | 3374 | |
| 8 | p.cutajar | €86.00 | €86.00 | d | pf | 2 boxes coffee | 17/05/12 | 615557 | | po55/12 | 3310 | |
| 9 | access point | €149.86 | €149.86 | k | pf | connection public access terminal | 16/05/12 | 2611 | | | 3110 | |
| 10 | nexos | €3,373.28 | €3,373.28 | t | pf | street lighting repairs | 16/05/12 | 2010337 | | | 2372 | |
| 11 | kumitat kongunt centrali | €30.74 | €30.74 | d | pf | kumitat kongunt centrali april12 | 30/04/12 | cjc145 | | | | |
| 12 | ytc embroidery | €247.80 | €247.80 | k | pf | 30 caps with logo for sports day anzjani | 16/05/12 | 1950 | | po46/12 | 3362 | |
| 13 | james camilleri | €675.48 | €675.48 | d | pf | wood for stalls wirja agrarja | 10/05/12 | 5690 | | po51/12 | 3378 | |
| 14 | grace mizzi | €270.28 | €270.28 | d | pf | cleaning council premises may12 | 01/06/12 | | | | 3055 | |
| 15 | philip agius & sons | €51,854.64 | €51,854.64 | t | pf | reins trenching wsc | | 1552012 | | | 7101 | |
| 16 | louis statioenry | €413.30 | €413.30 | d | pf | newspapers jan-april12 | 04/05/12 | 289 | | | 2640 | |
| 17 | go | €31.16 | €31.16 | d | pf | 21465799/21465805 april12 | 10/05/12 | 28010856 | | | 2160 | |
| 18 | go | €133.15 | €133.15 | d | pf | 21466000 april12 | 10/05/12 | 28010864 | | | 2160 | |
| 19 | go | €141.34 | €141.34 | d | pf | 21468874 april12 | 10/05/12 | 28010774 | | | 2160 | |
| 20 | go | €34.94 | €34.94 | d | pf | adsl may12 | 10/05/12 | 28010774 | | | 2160 | |
| | **Sub Total c/f** | **€62,816.09** | **€61,290.45** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€62,816.09** | **€61,290.45** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekutt

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 10/5/12 sa 11/6/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nomina | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | go | €21.33 | €21.33 | d | pf | 21462946 april12 | 10/05/12 | 28010844 | | | 2160 | |
| 22 | panta marketing | €3,314.50 | €3,314.50 | t | pf | 2 inverters for pv system | 11/05/12 | 59779 | | po37/12 | 7211 | |
| 23 | regjun nofsinhar | €36.00 | €36.00 | d | pf | laqgha annwali 19/5/12 m.borg, n.cassar | 19/05/12 | | | | 3320 | |
| 24 | milord | €3,753.46 | €3,753.46 | t | pf | non urban may12 | 12/06/12 | 278 | | | 3052 | |
| 25 | vodafone | €92.70 | €92.70 | d | pf | 99762218 april12 | 01/05/12 | 2.93E+12 | | | 2160 | |
| 26 | central asphalt | €298.30 | €298.30 | t | pf | cold asphalt for patching | 28/05/12 | 43449 | | po44/12 | 2310 | |
| 27 | akl | €57.00 | €57.00 | d | pf | laqgha sinkdi 25-26/5/12 | 24/05/12 | akl13/12 | | | 3320 | |
| 28 | vodafone | €54.25 | €54.25 | d | pf | 99491670 april12 | 01/05/12 | 2.94E+11 | | | 2160 | |
| 29 | msd | €627.00 | €627.00 | t | pf | traffic signs/mirrors | 18/04/12 | 16408 | | | 2313 | |
| 30 | print it | €225.75 | €225.75 | d | pf | printing of flyers sports day | 25/05/12 | 6738 | | | 2610 | |
| 31 | raymond attard | €3,538.25 | €3,538.25 | t | pf | street sweeping may12 | 01/06/12 | 2787 | | | 3051 | |
| 32 | central asphalt | €3,994.05 | €3,994.05 | t | pf | cold asphalt for patching may12 | 28/05/12 | 43553 | | | 2310 | |
| 33 | bargains | €25.00 | €25.00 | d | pf | 1 floor mop | 28/05/12 | 25472 | | | 2220 | |
| 34 | tradex ltd | €16.00 | €16.00 | d | pf | binding of minutes | 29/05/12 | 1/8805. | | | 2620 | |
| 35 | pavi | €5.70 | €5.70 | d | pf | 8 bts milk | 29/05/12 | 47176 | | | 3310 | |
| 36 | grace mizzi | €146.79 | €146.79 | d | pf | cleaning council premises may12 | 01/06/12 | 05/12. | | | 3055 | |
| 37 | antonia aquilina | €113.62 | €113.62 | d | pf | attendance library april12 | 01/05/12 | 4-Dec | | | 2995 | |
| 38 | alex camilleri | €847.43 | €847.43 | t | pf | public convenience may12 | 01/06/12 | 60 | | | 3053 | |
| 39 | smart | €175.21 | €175.21 | d | pf | stationery | 23/05/12 | 13031681 | | po66/12 | 2620 | |
| 40 | occupational health&safety auth | €500.00 | €500.00 | d | pf | ADMF113/12 (37/CON/6141HS) | 17/04/12 | ADMF113/12 | | | 7211 | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€17,842.34** | **€17,842.34** |
| **Sub Total b/f** | **€62,816.09** | **€61,290.45** |
| **Total** | **€80,658.43** | **€79,132.79** |

Sindku

Segretarju Eżekutt

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 10/5/12 sa 11/6/12

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nomina | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | employees | €4,606.71 | €4,606.71 | | pf | salaries may12 | 31/05/12 | | | | 1200 | |
| 42 | cir | €1,983.80 | €1,983.80 | | pf | cir may12 | 15/06/12 | | | | | |
| 43 | smart | €121.51 | €121.51 | d | pf | stationery | 30/05/12 | 13031891 | | po66/12 | 2620 | |
| 44 | n.baldacchino | €100.00 | €100.00 | | pf | petrol expenses may12 | 01/06/12 | | | | 2760 | |
| 45 | nvc | €85.00 | €85.00 | d | pf | operating materials | 27/04/12 | 4940 | | | 2210 | |
| 46 | districts | €588.46 | €588.46 | d | pf | patching tax-xama | 12/04/12 | 2694 | | | 2310 | |
| 47 | districts | €512.87 | €512.87 | d | pf | patching ta' bellu | 12/04/12 | 2694 | | | 2310 | |
| 48 | districts | €326.35 | €326.35 | d | pf | patching san niklaw | 12/04/12 | 2694 | | | 2310 | |
| 49 | districts | €626.17 | €626.17 | d | pf | oatching sqaq xurraf | 12/04/12 | 2694 | | | 2310 | |
| 50 | districts | €293.03 | €293.03 | d | pf | patching fawwara | 12/04/12 | 2694 | | | 2310 | |
| 51 | districts | €591.61 | €591.61 | d | pf | patching san dawdar | 12/04/12 | 2694 | | | 2310 | |
| 52 | districts | €373.53 | €373.53 | d | pf | patching zuta | 12/04/12 | 2694 | | | 2310 | |
| 53 | districts | €1,036.22 | €1,036.22 | d | pf | patching san lawrenz | 12/04/12 | 2694 | | | 2310 | |
| 54 | calleja ltd | €196.68 | €196.68 | d | pf | electrical items wirja agrarja | 20/05/12 | 228523 | | po69/12 | 3378 | |
| 55 | nvc | €535.39 | €535.39 | d | pf | operating materials | 27/04/12 | 4945 | | | 2210 | |
| 56 | simone attard | €120.00 | €120.00 | d | pf | pianist ceremony civic centre | 03/06/12 | 222570 | | | 7211 | |
| 57 | technosoft | €70.80 | €70.80 | d | pf | payroll course | 21/05/12 | 8216 | | | 3110 | |
| 58 | xuereb bros | €5,711.41 | €5,711.41 | t | pf | waste collection may12 | 05/06/12 | 7890815 | lcs29/ | | 3041 | |
| 59 | xuereb bros | €675.45 | €675.45 | t | pf | bulky may12 | 05/06/12 | 7890816 | lcs35/ | | 3042 | |
| 60 | louis stationery | €200.00 | €200.00 | d | pf | stamps x 1000 | 05/06/12 | 290 | | | 2650 | |
| | **Sub Total c/f** | **€18,754.99** | **€18,754.99** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€80,658.43** | **€79,132.79** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€99,413.42** | **€97,887.78** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekutt

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Data:** **10/5/12 sa 11/6/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nomina | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | uv print | €2,100.40 | €2,100.40 | d | pf | printing of polo shirts with logo | 08/06/12 | 12399 | | | 2610 | |
| 62 | bestprint | €252.00 | €252.00 | d | pf | printing flyers/posters wirja agrarja | 01/06/12 | 8655 | | | 2610 | |
| 63 | go | €24.04 | €24.04 | d | pf | 21462946 may12 | 05/06/12 | | | | 2160 | |
| 64 | go | €34.94 | €34.94 | d | pf | adsl june12 | 05/06/12 | | | | 2160 | |
| 65 | go | €155.96 | €155.96 | d | pf | 21468874 may12 | 05/06/12 | | | | 2160 | |
| 66 | go | €32.12 | €32.12 | d | pf | 21465799/21465805 may12 | 05/06/12 | | | | 2160 | |
| 67 | go | €278.34 | €278.34 | d | pf | 21466000/21466036 | 05/06/12 | | | | 2160 | |
| 68 | 3d distributors | €118.00 | €118.00 | d | pf | distribution flyers wirja agrarja | 06/06/12 | 3324 | | | 3378 | |
| 69 | kdm | €1,422.31 | €1,422.31 | k | pf | insurance 3rd party 28/5/12-27/5/13 | 31/05/12 | 12152 | | | 3030 | |
| 70 | di rocco | €160.78 | €160.78 | d | pf | disposable catering items wirja agrarja | 08/06/12 | 63399 | | | 3378 | |
| 71 | di rocco | €16.00 | €16.00 | d | pf | sugar satchets wirja agrarja | 08/06/12 | 63398 | | | 3378 | |
| 72 | outlook co-op | €401.20 | €401.20 | d | pf | printing tickets wirja agrarja stalls | 04/06/12 | 11171 | | 67/12 | 3378 | |
| 73 | ganaja | €1,876.00 | €1,876.00 | t | pf | mains and oatching triq tigrija | 15/05/12 | 126/12 | | | 2310 | |
| 74 | ganaja | €189.98 | €189.98 | t | pf | hire skip,cherry picker | 15/05/12 | 127/12 | | | 7211 | |
| 75 | ganaja | €322.14 | €322.14 | t | pf | cleaning culverts, drainage | 15/05/12 | 128/12 | | | 2370 | |
| 76 | ganaja | €483.80 | €483.80 | t | pf | cleaning council fascade | 15/05/12 | 129/12 | | | 7211 | |
| 77 | ganaja | €2,474.00 | €2,474.00 | t | pf | patching tal-harruba | 15/05/12 | 130/12 | | | 2310 | |
| 78 | ganaja | €1,652.00 | €1,652.00 | t | pf | 2 drainage connections n. baldacchino | 15/05/12 | 131/12 | | | 2311 | |
| 79 | ganaja | €1,758.20 | €1,758.20 | t | pf | patching various | 15/05/12 | 132/12 | | | 2310 | |
| 80 | access | €236.00 | €236.00 | k | pf | it agreement june12 | 01/06/12 | 2641 | | | 3110 | |
| | **Sub Total c/f** | **€13,988.21** | **€13,988.21** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€99,413.42** | **€97,887.78** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€113,401.63** | **€111,875.99** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekutt

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi**

**Skeda Nru. 248**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data:** **10/5/12 sa 11/6/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nomina | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | csd | €236.46 | €236.46 | d | pf | 6 boxes paper | 05/06/12 | 39686 | | 70/12 | 2620 | |
| 82 | pace associates | €70.80 | €70.80 | d | pf | hire of radio wirja agrarja | 08/06/12 | 434361 | | | 3378 | |
| 83 | cir | €864.00 | €864.00 | | pf | cir april12 (deducted credit SS) | 15/05/12 | | | | | |
| 84 | cir | €1,320.92 | €1,320.92 | | pf | cir may12 (deducted credit SS) | 15/06/12 | | | | | |
| 85 | joe gatt | €709.85 | €709.85 | t | pf | cm fee april112 | 01/05/12 | 1-May | | | 3120 | |
| 86 | joe gatt | €888.46 | €888.46 | t | pf | cm fee may12 | 01/06/12 | 1-Jun | | | 3120 | |
| 87 | philip agius | €202.49 | €202.49 | d | pf | material patching | 22/05/12 | 28393 | | 57/12 | 2310 | |
| 88 | zammit joinery | €1,000.00 | €1,000.00 | d | pf | 10 panels for exhibitions | 01/06/12 | 4992965 | | | 3378 | |
| 89 | callus landscaping | €1,379.68 | €1,379.68 | t | pf | planting public spaces may12 less 5% default | 30/05/12 | 5 | lcs30/ | | 3061 | |
| 90 | k.aquilina | €640.83 | €640.83 | | pf | honoraria april12 | 01/05/12 | | | | 1100 | |
| 91 | k.aquilina | €640.83 | €640.83 | | pf | honoraria may12 | 01/06/12 | | | | 1100 | |
| 92 | | | | | | | | | | | | |
| 93 | | | | | | | | | | | | |
| 94 | | | | | | | | | | | | |
| 95 | | | | | | | | | | | | |
| 96 | | | | | | | | | | | | |
| 97 | | | | | | | | | | | | |
| 98 | | | | | | | | | | | | |
| 99 | | | | | | | | | | | | |
| 100 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€7,954.32** | **€7,954.32** |
| **Sub Total b/f** | **€113,401.63** | **€111,875.99** |
| **Total** | **€121,355.95** | **€119,830.31** |

Sindku

Segretarju Eżekutt

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier